Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1342/2003**

tat-28 ta' Lulju 2003

li jistabbilixxi regoli speċjali u dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzi ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' ċereali u ross

(ĠU L 189, 29.7.2003, p. 12)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 777/2004 tas-26 ta' April 2004	L 123	50	27.4.2004
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1092/2004 ta' l-10 ta' Ġunju 2004	L 327M	4	5.12.2008
►M3	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 830/2006 tat-2 ta' Ġunju 2006	L 330M	308	9.12.2008
►M4	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 945/2006 tas-26 ta' Ġunju 2006	L 338M	377	17.12.2008
►M5	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1713/2006 ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 312M	154	22.11.2008
►M6	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1917/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006	L 338M	830	17.12.2008
►M7	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1996/2006 tat-22 ta' Diċembru 2006	L 322M	433	2.12.2008
►M8	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 514/2008 tad-9 ta' Ġunju 2008	L 150	7	10.6.2008
►M9	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 84/2009 tas-27 ta' Jannar 2009	L 24	5	28.1.2009
►M10	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 418/2012 tas-16 ta' Mejju 2012	L 130	1	17.5.2012
►M11	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013
►M12	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2000 tad-9 ta' Novembru 2015	L 292	4	10.11.2015
►M13	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1237 tat-18 ta' Mejju 2016	L 206	1	30.7.2016

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 71M, 17.3.2009, p. 1 (1092/2004)

►C2 Emendi, Ġ.U. L 76M, 24.3.2009, p. 206 (945/2006)

►C3 Emendi, Ġ.U. L 76M, 24.3.2009, p. 464 (1917/2006)

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1342/2003

tat-28 ta' Lulju 2003

li jistabbilixxi regoli speċjali u dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzi ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' ċereali u ross

▼M8

Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli ddettaljati speċifiċi għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u taċ-ċertifikati bl-iffissar bil-quddiem implimentata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 ([1]) għall-prodotti mniżżlin fil-Partijiet I u II ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ([2]).

2. Għandhom japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 376/2008 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ([3]) u (KE) Nru 1454/2007 ([4]), sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni mod ieħor f'dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 2

1. Fil-każ fejn l-applikazzjonijiet għall-esportazzjoni jiġu mogħtija wara sejħa għall-offerti għal xogħol bl-appalt maħruġa skond l-artikolu 7 tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2131/93 ([5]), il-liċenzi għandhom jinħarġu biss għall-kwantitajiet li għalihom l-applikanti jkunu kisbu l-kuntratti.

Il-liċenzi ta' l-esportazzjoni ikunu validi għall-kwantitajiet mhux aktar minn dawk indikati fit-taqsima 17. Il-figura "0" għandha titniżżel fit-taqsima 19.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenżji ta' l-esportazzjoni kif previst fl-Artikolu 8(2) tar-Regolamenti (KEE) Nru 2131/93 għandhom juru d-destinazzjoni rilevanti fit-taqsima 7. Id-detenturi ta' dawn il-liċenzi għandhom ikunu marbuta li jesportaw il-prodotti msemmija għal dik id-destinazzjoni.

Il-pajjiżi kollha li għalihom tapplika l-istess rata ta' rifużjoni ta' l-esportazzjoni jew ta' taxxa għandhom jiġu kkunsidrati bħala destinazzjoni waħda.

▼M7

Artikolu 3

1. Meta r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni jkunu ġew deċiżi minn min ħareġ l-offerti, ir-rata tar-rifużjoni li tidher fil-prospett ta' l-għoti tal-kuntratti għandha titniżżel b'ittri u numri fit-taqsima 22 tal-liċenzji. Din ir-rata għandha tkun f'euro u quddiemha għandu jkun hemm waħda mill-annotazzjonijiet li jidhru fl-Anness VII.

2. Fejn it-taxxi ta' l-esportazzjoni jiġu deċiżi minn min joħroġ l-offerta, ir-rata tat-taxxa li tidher fil-prospett ta' l-għoti tal-kuntratti għandha titniżżel b'ittri u numri fit-taqsima 22 tal-liċenzi. Din ir-rata għandha tkun f'euro u quddiemha għandu jkun hemm waħda mill-annotazzjonijiet li jidhru fl-Anness VIII.

([1]) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.
([2]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([3]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
([4]) ĠU L 325, 11.12.2007, p. 69.
([5]) ĠU L 191, tal-31.7.93, pġ. 76.

▼B

Artikolu 4

1. Minkejja l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, għal prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1101 00 15, 1102 20, 1103 11 10 u 1103 13, l-applikazzjonijiet għal-liċenzi ta' l-esportazzjoni jistgħu jindikaw prodotti li jaqgħu taħt żewġ suddiviżjonijiet bi 12-il numru mis-sottotitoli msemmija hawn fuq.

IEVEŠANAS ATLAUJU DERIGUMA TERMINŠ

kategorija 1:	1108 11 00 9200, 1108 11 00 9300
kategorija 2:	1108 12 00 9200, 1108 12 00 9300
kategorija 3:	1108 13 00 9200, 1108 13 00 9300
kategorija 4:	1108 19 10 9200, 1108 19 10 9300
kategorija 5:	1702 30 51 9000, 1702 30 91 9000, 1702 90 50 9100
kategorija 6:	1702 30 59 9000, 1702 30 99 9000, 1702 40 90 9000, 1702 90 50 9900

▼M2
▼C1

kategorija 7:	1006 20 11 9000, 1006 20 13 9000, 1006 20 15 9000, 1006 20 92 9000, 1006 20 94 9000, 1006 20 96 9000
kategorija 8:	1006 30 21 9000, 1006 30 23 9000, 1006 30 25 9000, 1006 30 42 9000, 1006 30 44 9000, 1006 30 46 9000
kategorija 9:	1006 30 61 9100, 1006 30 63 9100, 1006 30 65 9100, 1006 30 92 9100, 1006 30 94 9100, 1006 30 96 9100
kategorija 10:	1006 30 61 9900, 1006 30 63 9900, 1006 30 65 9900, 1006 30 92 9900, 1006 30 94 9900, 1006 30 96 9900

▼B

Is-suddiviżjonijiet bi 12-il numru li jidhru fl-applikazzjonijiet għandhom jidhru fil-liċenzi ta' l-esportazzjoni.

2. Minkejja l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, għal prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2309 10 11, 2309 10 13, 2309 10 31, 2309 10 33, 2309 10 51, 2309 10 53, 2309 90 31, 2309 90 33, 2309 90 41, 2309 90 43, 2309 90 51 u 2309 90 53 li jikkonsistu f'inqas minn 50 % tal-piż fi prodotti tal-ħalib, l-applikazzjonijiet għal-liċenżja ta' l-esportazzjoni għandhom juru dan li ġej:

(a) fit-taqsima 15, id-deskrizzjoni tal-prodotti u l-kodiċi bi 12-il numru; f'każ ta' prodotti li jidħlu taħt żewg suddiviżjonijiet simili jew aktar, l-esportatur jista' juri in-nomenklatura tar-rifużjoni bi 12-il numru, u f'dak il-każ f'sezzjoni 15 għandu jiġi indikat dan li ġej: preparazzjonijiet użati għall-ikel ta' l-annimali li jaqgħu taħt ir-Regolament (KE) Nru 1517/95;

(b) fit-taqsima 16, ir-referenza 2309;

(ċ) fit-taqsima 17 u 18, il-kwantità totali ta' oġġetti ta' l-ikel li ser jiġu esportati;

▼B

(d) fit-taqsima 20, il-kontenut tal-prodotti taċ-ċereali irid jiġi inkorporat ma' l-oġġetti ta' l-ikel totali jekk dan huwa magħruf, u ssir distinzjoni bejn il-qamħirrum u ċereali oħra; inkella, jekk tiġi użata d-disposizzjoni msemmija f'punt (a) annotat fit-taqsima 15 b'referenza li tispeċika żewġ suddiviżjonijiet jew aktar, il-parentesi turi l-kwantitajiet ta' qamħirrum u ċereali oħra inkorporati.

Id-dettalji inklużi fl-applikazzjonijiet għandhom jintwerew fuq il-liċenzi ta' l-esportazzjoni.

▼M7

Artikolu 5

Għall-applikazzjoni tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kummissjoni ([1]) (KE) Nru 1501/95 u ta' l-Artikolu 16 (10) tar-Regolament (KE) Nru 3072/95, il-liċenzja għall-esportazzjoni jinkludi fit-taqsima 22 waħda mill-annotazzjonijiet li tidher fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

▼M8

Artikolu 6

1. Il-perjodu tal-validità tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni għandu jkun kif ġej:

▼M13

_____

▼M8

(b) għall-prodotti importati jew esportati taħt il-kwoti tat-tariffa amministrati b'metodi oħrajn u mhux b'dak ibbażat fuq l-ordni kronoloġika ta' meta tressqu l-applikazzjonijiet, skond l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ([2]) (skond il-prinċipju li min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel), ħlief fejn hemm dispożizzjoni mod ieħor: mid-data attwali tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità ma' l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, sa tmiem it-tieni xahar ta' wara xahar dik id-data;

(ċ) għall-prodotti esportati li għalihom tkun ġiet iffissata rifużjoni u għall-prodotti li għalihom, dakinhar li tkun tressqet l-applikazzjoni għal-liċenzja, tkun ġiet iffissata taxxa fuq l-esportazzjoni: mid-data tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità ma' l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, sa tmiem ir-raba' xahar ta' wara xahar dik id-data.

▼M9

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, għall-prodotti msemmija fl-Anness II, parti II, punt A, tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, il-validità tal-liċenzji għall-esportazzjoni tiskadi fis-sittin jum wara l-ħruġ tagħhom, skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament imsemmi, fejn ir-rifużjoni bl-iffissar bil-quddiem jew mingħajru ma tkunx stabbilita, jew fejn dawn il-prodotti jiġu esportati mingħajr rifużjoni, skont l-Artikolu 8(3) ta' dan ir-Regolament.

▼M8

3. B'deroga mill-paragrafu 1, il-liċenzji ta' l-esportazzjoni għall-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 1702 30, 1702 40, 1702 90 u 2106 90 u li għalihom tkun ġiet iffissata rifużjoni għandhom ikunu validi sa mhux aktar tard minn:

([1]) ĠU L 147, 30.6.1995, p. 7.
([2]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

▼M8

(a) it-30 ta' Ġunju għall-applikazzjonijiet li jkunu tressqu sal-31 ta' Mejju ta' kull sena tas-suq;

(b) it-30 ta' Settembru għall-applikazzjonijiet li jkunu tressqu mill-1 ta' Ġunju ta' sena tas-suq sal-31 ta' Awwissu tas-sena tas-suq ta' warajha;

(ċ) it-30 jum mid-data tal-ħruġ tal-liċenzja għall-applikazzjonijiet li jkunu tressqu mill-1 ta' Settembru sat-30 ta' Settembru ta' l-istess sena tas-suq.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, fuq talba min-naħa ta' l-operatur, il-liċenzji ta' l-esportazzjoni għall-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 1107 10 19, 1107 10 99 u 1107 20 00 u li għalihom tkun ġiet iffissata rifużjoni għandhom ikunu validi sa mhux aktar tard minn:

(a) it-30 ta' Settembru tas-sena kalendarja attwali, fil-każ tal-liċenzji li jinħarġu bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' April;

(b) tmiem il-ħdax-il xahar ta' wara d-data tal-ħruġ, fil-każ tal-liċenzji li jinħarġu bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Ottubru;

(ċ) it-30 ta' Settembru tas-sena kalendarja ta' wara, fil-każ tal-liċenzji li jinħarġu bejn l-1 ta' Novembru u l-31 ta' Diċembru.

5. It-Taqsima 22 tal-liċenzji maħruġin skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2, 3 u 4 għandha tinkludi waħda mill-annotazzjonijiet imniżżlin fl-Anness X.

6. Meta jkun stabbilit perjodu ta' validità speċjali għal-liċenzji ta' l-importazzjoni għal prodotti li joriġinaw u jkunu ġejjin minn ċerti pajjiżi terzi, it-taqsimiet 7 u 8 ta' l-applikazzjonijiet tal-liċenzji u tal-liċenzji nfushom għandhom jispeċifikaw il-pajjiż jew il-pajjiżi minn fejn ikunu ġejjin il-prodotti u l-pajjiż jew il-pajjiżi ta' l-oriġini tagħhom. Il-liċenzji għandhom jobbligaw li l-importazzjoni ssir minn dak il-pajjiż jew minn dawk il-pajjiżi.

▼M10

7. B'deroga mill-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, id-drittijiet li jirriżultaw minn liċenzji msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu m'għandhomx ikunu trasferibbli.

▼M8

Artikolu 8

1. Il-liċenzji ta' l-esportazzjoni għall-prodotti li għalihom tkun ġiet iffissata rifużjoni jew taxxa għandhom jinħarġu fit-tielet jum tax-xogħol wara dak li fih tkun tressqet l-applikazzjoni, dejjem jekk, sadanittant, il-Kummissjoni ma tkun ħadet l-ebda azzjoni speċifika kif indikat fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament, fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1501/1995 jew fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1518/1995 ([1]), u dejjem jekk il-kwantità li għaliha jkunu tressqu l-applikazjonijiet għal-liċenzji tkun mgħarrfa f'konformità ma' l-Artikolu 16(1)(a) ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 147, 30.6.1995, p. 55.

▼M8

L-ewwel subparagrafu ma għandux jgħodd għal-liċenzji maħruġin b'konnessjoni mas-sejħiet għall-offerti jew għal-liċenzji msemmijin fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 li jinħarġu għall-għanijiet ta' operazzjoni ta' għajnuna ta' l-ikel fis-sens ta' l-Artikolu 10(4) tal-Ftehim dwar il-biedja li kien konkluż bħala parti min-negozjati kummerċjali multilaterali tar-Round ta' l-Urugwaj ([1]). Dawk il-liċenzji ta' l-esportazzjoni għandhom jinħarġu fl-ewwel jum tax-xogħol wara dak li fih tkun ġiet aċċettata l-offerta.

▼M13

_____

▼M9

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, il-liċenzji għall-esportazzjoni għall-prodotti li għalihom ġiet iffissata r-rifużjoni jinħarġu fuq talba tal-ħaddiem fil-jum li fih tkun tressqet din it-talba sakemm din tiddetermina li l-liċenzja tinħareġ mingħajr rifużjoni u li, jekk it-taxxa għall-esportazzjoni tapplika fil-mument tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni, din tkun tapplika għall-prodotti kkonċernati. Fuq it-talba kif ukoll fuq il-liċenzja maħruġa, f'dan il-każ fil-kaxxa 20, tidher waħda mill-annotazzjonijiet li jissemmew fl-Anness Ia.

▼M8

Artikolu 9

▼M13

_____

▼M8

3. L-applikanti jistgħu jirtiraw l-applikazzjonijiet tagħhom għal-liċenzja fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mill-pubblikazzjoni, fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, ta' perċentwali ta' aċċettazzjoni kif indikat fil-punt (a) tal-paragrafu 1 jekk dan ikun ta' anqas minn 80%. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jirrilaxxaw il-garanzija.

4. L-azzjonijiet li jittieħdu abbażi tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-esportazzjonijiet li jitwettqu sabiex jiġu implimentati l-miżuri Komunitarju u l-miżuri għall-għajnuna alimentari nazzjonali li dwarhom hemm dispożizzjonijiet fi ftehimiet internazzjonali jew fi programmi oħrajn supplimentari, jew sabiex jiġu implimentati miżuri oħrajn ta' provvista b'xejn mill-Komunità.

▼B

Artikolu 10

1. Meta l-esportazzjoni ssir wara sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt li jkunu ġew miftuħa minn pajjiż terz li qed jimporta, il-liċenzi ta' l-esportazzjoni għal qamħ komuni, qamħ ta' l-Awstralja, is-segala, il-*barley*, il-qamħirrum, ir-ross, id-dqiq magħmul mill-qamħ, id-dqiq magħmul mis-segala, ix-xgħir u s-smida tal-qamħ ta' l-Awstralja u prodotti li jaqgħu taħt il-kodici NM 2309 10 11, 2309 10 13, 2309 10 31, 2309 10 33, 2309 10 51, 2309 10 53, 2309 90 31, 2309 90 33, 2309 90 41, 2309 90 43, 2309 90 51u 2309 90 53 li fihom inqas minn 50 % tal-piż tagħhom magħmul minn prodotti tal-ħalib,ikunu validi mid-data tal-ħruġ fis-sens ta' l-Artikolu 23(1)tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 sad-data li fiha jridu jaderixxu ma' l-obbligazzjonijiet li għalihom intrebaħ il-kuntratt.

2. Skond l-artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 iż-żmien ta' validità tal-liċenza ma jistax jaqbeż l-erba' xhur mid-data tal-ħruġ.

([1]) ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22.

▼B

3. Minkejja t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 49(3) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, l-applikazzjonijiet għal-liċenzi m'għandhomx isiru iktar minn erbat ijiem qabel id-data ta' l-għeluq biex isiru l-offerti fis-sejħa għall-offerti għal xogħol bl-appalt.

4. Minkejja l-Artikolu 49(5) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, il-perjodu massimu bejn id-data ta' l-għeluq biex jintefgħu l-offerti u n-notifikazzjoni li tingħata lill-aġenzija li ħarġet l-offerti mill-applikant dwar ir-riżultat tas-sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt għandu jkun dak ta' sitt ijiem kif previst fl-Artikolu 44(5)(a) sa (d) ta' dak ir-Regolament.

▼M8

_____

Artikolu 12

Il-garanzija msemmija fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 li għandha tingħata f'konformità mat-Titolu III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 ([1]), għandha tkun kif ġej:

▼M13

_____

▼M8

(b) għall-prodotti importati jew esportati taħt il-kwoti tat-tariffa, ħlief fejn hemm dispożizzjoni mod ieħor:

(i) għall-prodotti importati, 30 Ewro għal kull tunnellata;

(ii) għall-prodotti esportati mingħajr rifużjoni, 3 Ewro għal kull tunnellata;

(ċ) għall-prodotti esportati li għalihom tkun ġiet iffissata rifużjoni jew għal-liċenzji f'dak li għandu x'jaqsam ma' prodotti li għalihom, dakinhar li tkun tressqet l-applikazzjoni għal-liċenzja, tkun ġiet iffissata taxxa fuq l-esportazzjoni:

(i) għall-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 1102 20, 1103 13, u 1104 19 50, 1104 23 10, 1108, 1702, u 2106, 20 Ewro għal kull tunnellata;

(ii) għall-prodotti l-oħrajn, 10 Ewro għal kull tunnellata;

▼M9

(iii) EUR 3 kull tunnellata għall-prodotti li għalihom japplika l-Artikolu 8(3).

▼B

Artikolu 13

Meta ż-żmien ta' validità tal-liċenza jiġi estiż skond l-artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, l-ammont korrettiv applikabbli għandu jkun dak li jgħodd dakinhar li tkun ingħatat l-applikazzjoni għall-esportazzjoni waqt l-aħħar xahar tat-terminu normali ta' validità tal-liċenza.

Fuq kollox, ir-rifużjoni ta' l-esportazzjoni għandu jiġi aġġustat skond l-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5.

▼B

Artikolu 14

1. Ir-Rifużjonijiet li japplikaw skond l-Artikolu 13(5) tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 fuq prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1)(a) u (b) ta' dak ir-Regolament minbarra l-qamħirrum u l-qamħ sorgu għandu jiġi aġġustat, matul ix-xhur bejn Awissu u Mejju ta' l-istess sena tal-kummerċ b'ammont daqs iż-żieda ta' xahar applikabbli għall-prezz ta' intervenzjoni deċiża għal dik is-sena tal-kummerċ.

Fil-każ tal-qamħirrum u l-qamħ sorgu, ir-rifużjonijiet għandhom jiġu aġġustati tul ix-xhur bejn Novembru tas-sena tal-kummerċ sa Awissu tas-sena tal-kummerċ ta' wara, b'ammont daqs iż-żieda ta' xahar fil-prezz ta' intervenzjoni iffissat għal dik is-sena tal-kummerċ partikolari.

L-ewwel aġġustament għandu jsir fl-ewwel ġurnata tax-xahar tal-kalendarju wara l-applikazzjoni. Aġġustamenti oħra wara dan għandhom isiru kull xahar.

Fil-każ ta' prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1)(a) u (b) tar-Regolamenti (KEE) Nru 1766/92 bl-eċċezzjoni tal-qamħirrum u tal-qamħ sorgu, ir-rifużjonijiet aġġustati skond l-ewwel subparagrafu u applikabbli f'Mejju għandhom jibqgħu japplikaw f'Ġunju. Fil-każ tal-qamħirrum u tal-qamħ sorgu, ir-rifużjonijiet aġġustati skond it-tieni subparagrafu u applikabbli f'Awissu għandhom jibqgħu japplikaw f'Settembru.

2. L-aġġustament previst fil-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw meta l-ammont tar-rifużjoni jkun żero.

3. Meta ż-żmien ta' validità tal-liċenzi jestendi lil hinn mit-tmiem ta' sena tal-kummerċ u l-esportazzjoni issir fis-sena tal-kummerċ ta' wara, ir-rifużjonijiet fuq prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1)(a) u (b) tar-Regolamenti (KEE) Nru 1766/92, minbarra xi żidiet ta' kull xahar imsemmija fil-paragrafu 1, bl-eċċezzjoni tal-qamħirrum u tal-qamħ sorgu għandha titnaqqas bid-differenza fil-prezz bejn is-sentejn tal-kummerċ. Id-differenza fil-prezz għandha sseħħ fl-1 ta' Lulju u għandha tiġi definita bħala:

(a) id-differenza bejn il-prezzijiet ta' intervenzjoni, minbarra xi żieda ta' kull xahar, għas-sena tal-kummerċ ta' qabel u s-sena l-ġdida; flimkien ma'

(b) ammont daqs iż-żieda ta' kull xahar, immoltiplikat bin-numru ta' xhur li jkunu għaddew bejn Awissu u x-xahar ta' l-applikazzjoni tal-liċenza, ix-xhur inklużi.

Meta d-differenza fil-prezz tkun akbar mir-rifużjoni li qed insemmu, ir-rifużjoni rranġata trid titnaqqas għal żero.

Ir-Rifużjonijiet imnaqqsa minħabba d-differenza fil-prezz għandhom jiżdiedu minn Awissu tas-sena tal-kummerċ il-ġdida, skond ir-regoli previsti fil-paragrafu 1, biż-żidiet ta' kull xahar li jkunu japplikaw għas-sena tal-kummerċ il-ġdida.

▼B

4. Fil-każ tal-qamħirrum u tal-qamħ sorgu, ir-regoli dwar l-aġġustament previsti fil-paragrafu 3 għandhom jgħoddu, ovvjament wara li jinbidel dak li għandu jinbidel, bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

(a) it-tmiem tas-sena tal-kummerċ għandha tkun it-30 ta'Settembru;

(b) il-bidla fil-prezz imsemmija hawn fuq għandha sseħħ fl-ewwel ta' Ottubru minflok fl-1 ta' Lulju;

(ċ) ix-xahar ta' Awissu għandu jeħodlu postu x-xahar ta' Novembru;

(d) iż-żidiet ta' kull xahar għandhom ikunu dawk li jgħoddu fis-sena tal-kummerċ in kwistjoni.

Artikolu 15

1. Fil-każ tal-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1)(ċ) u (d) tar-Regolamenti (KEE) Nru 1766/92 u l-Artikolu 1(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 3072/95, l-ammont li jirriżulta minn kull aġġustament imsemmi fl-Artikolu 14(1) u (3) ta' dan ir-Regolament għandu jiġi mmoltiplikat bil-ko-effiċjent ta' l-ipproċessar li japplika għall-prodotti in kwistjoni.

2. L-ammont tar-rifużjoni li japplika skond l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 3072/95 għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1)(a) u (b) ta' dak ir-Regolament għandu jiġi mibdul fix-xhur minn Ottubru sa Lulju, dax-xhur inklużi, b'ammont daqs iż-żieda ta' xahar li tgħodd għall-prezz ta' intervenzjoni għar-ross bil-fosdqa li jkun ġie ffissat għal dik is-sena tal-kummerċ, ibbażat fuq l-istadju ta' l-ipproċessar u l-ko-effiċjent ta' l-ipproċessar applikabbli.

L-ewwel aġġustament għandu jsir fl-ewwel jum tax-xahar kalendarju wara li ssir l-applikazzjoni għal-liċenza. L-aġġustamenti ta' wara għandhom isiru kull xahar.

3. L-aġġustament previst fil-paragrafu 2 m'għandux japplika meta l-ammont tar-rifużjoni ikun żero.

4. Meta ż-żmien ta' validità tal-liċenza jaqbeż it-tmiem tas-sena tal-kummerċ u l-esportazzjoni ssir fis-sena tal-kummerċ ta' wara, ir-rifużjonijiet, minbarra ż-żidiet ta' kull xahar imsemmija fil-paragrafu 2, għandhom jitnaqqsu bid-differenza fil-prezz ta' intervenzjoni għar-ross bil-fosdqa bejn is-sentejn tal-kummerċ, ibbażata fuq l-istadju ta' l-ipproċessar u l-ko-effiċjent ta' l-ipproċessar li jkun jgħodd.

Id-differenza fil-prezz għandha sseħħ fl-1 ta' Settembru u għandha tkun deċiża b'dan il-mod:

(a) id-differenza bejn il-prezz ta' intervenzjoni għar-ross bil-fosdqa, wara li jitnaqqas kull żieda ta' kull xahar għas-sena ta' qabel u għas-sena tal-kummerċ il-ġdida;

(b) ammont daqs iż-żieda ta' xahar immoltiplikata bin-numru ta' xhur li jgħaddu bejn Ottubru u x-xahar ta' l-applikazzjoni tal-liċenza, ix-xhar inkluż.

▼B

Dawn iż-żewġ fatturi għandhom jiġu konvertiti billi jintuża l-ko-effiċjent ta' l-ipproċessar li jkun jgħodd dak iż-żmien li fih il-prodott jiġi esportat.

Meta d-differenza fil-prezz tkun ikbar mir-rifużjoni, ir-rifużjoni irranġata għandha titnaqqas għal żero.

Ir-rifużjonijiet għandhom jitnaqqsu b'(a) u(b) tat-tieni subparagrafu, skond l-istadju tat-tħin u għandhom jiżdiedu minn Ottubru tas-sena l-ġdida tal-kummerċ biż-żidiet ta' kull xahar li jgħoddu għas-sena l-ġdida tal-kummerċ, skond ir-regoli previsti fil-paragrafu 2.

▼M13

_____

▼B

Artikolu 17

Ir-Regolament (KE) Nru 1162/95 jigi irrevokat

Għandu jibqa' jgħodd għal-liċenzi maħruġa qabel jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

Ir-referenzi għar-Regolament irrevokat għandhom jiġu użati bħala referenza għal dan ir-Regolament u għandhom jiġu interpretati bi qbil mat-tabella fl-Anness VI.

Artikolu 18

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ 20 ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil- *Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M8

_____

▼M9

L-ANNESS Ia

ANNOTAZZJONIJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 8(3)

— *bil-Bulgaru:* износ без възстановяване — приложими експортни такси — Регламент (ЕО) № 1342/2003, член 8, параграф 3

— *bl-Ispanjol:* Exportación sin restitución — Gravámenes por exportación aplicables — Reglamento (CE) nº 1342/2003, artículo 8, apartado 3

— *biċ-Ċek:* Vývoz bez náhrady – platné vývozní poplatky – Nařízení (ES) č. 1342/2003, čl. 8 odst. 3

— *bid-Daniż:* Eksport uden restitution — Eksportafgifter gældende — Forordning (EF) nr. 1342/2003, artikel 8, stk. 3

— *bil-Ġermaniż:* Ausfuhr ohne Erstattung — Ausfuhrabgaben finden Anwendung — Verordnung (EG) Nr. 1342/2003, Artikel 8 Absatz 3

— *bl-Estonjan:* Toetuseta eksport – kohaldatakse ekspordimakse – määruse (EÜ) nr 1342/2003 artikli 8 lõige 3

— *bil-Grieg:* Εξαγωγή χωρίς επιστροφή — Επιβαλλόμενοι φόροι κατά την εξαγωγή — Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 1342/2003 άρθρο 8 παράγραφος 3

— *bl-Ingliż:* Export without refund — Export taxes applicable — Regulation (EC) No 1342/2003, Article 8(3)

— *bil-Franċiż:* Exportation sans restitution — Taxes à l'exportation applicables — Règlement (CE) nº 1342/2003, article 8, paragraphe 3

▼M11

— *bil-Kroat:* Izvoz bez subvencije – primjena izvoznih pristojbi – Uredba (EZ) br. 1342/2003, članak 8. stavak 3

▼M9

— *bl-Irlandiż:* Onnmhairiú gan aisíoc – cánacha onnmhairiúcháin infheidhme – Rialachán (CE) Uimh. 1342/2003, Airteagal 8, mír 3

— *bit-Taljan:* Esportazione senza restituzione — Tasse all'esportazione applicabili — Regolamento (CE) n. 1342/2003, articolo 8, paragrafo 3

— *bil-Latvjan:* Eksports bez kompensācijas – Piemērojamie izvedmuitas nodokļi – Regulas (EK) Nr. 1342/2003 8. panta 3. punkts

— *bil-Litwan:* Eksportas be grąžinamosios išmokos – Eksportui taikytini mokesčiai – Reglamento (EB) Nr. 1342/2003 8 straipsnio 3 dalis

— *bl-Ungeriż:* Visszatérítés nélküli kivitel – Kiviteli vám alkalmazandó – Az 1342/2003/EK rendelet 8. cikkének (3) bekezdése

— *bil-Malti:* Esportazzjoni bla rifużjoni — Taxxi tal-esportazzjoni applikabbli — L-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 1342/2003

▼**M9**

— *bl-Olandiż:* Uitvoer zonder restitutie — Uitvoerbelasting van toepassing — Verordening (EG) nr. 1342/2003, artikel 8, lid 3

— *bil-Pollakk:* Wywóz bez refundacji – Stosowane podatki wywozowe – art. 8 ust. 3 rozporządzenia (WE) nr 1342/2003

— *bil-Portugiż:* Exportação sem restituição — Imposições de exportação aplicáveis — Regulamento (CE) n.º 1342/2003, artigo 8.º, n.º 3

— *bir-Rumen:* Export fără restituire – Taxe la export aplicabile – Regulamentul (CE) nr. 1342/2003, articolul 8 alineatul (3)

— *bis-Slovakk:* Vývoz bez náhrady – Platné vývozné poplatky – Nariadenie (ES) č. 1342/2003 článok 8 ods. 3

— *bis-Sloven:* Izvoz brez nadomestila – Veljavne izvozne takse – Uredba (ES) št. 1342/2003, člen 8(3)

— *bl-Iżvediż:* Export utan bidrag – Exportavgifter tillämpliga – Förordning (EG) nr 1342/2003, artikel 8.3

— *bil-Finlandiż:* Vienti ilman vientitukea – Sovellettavat vientiverot – Asetuksen (EY) N:o 1342/2003 8 artiklan 3 kohta

▼**M7**

▼B

ANNESS V

Regolament revokat u l-emendi successivi tiegħu

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1162/95	(ĠU L 117, ta' l-24.5.1995, pġ. 2)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1517/95, fejn għandu x'jaqsam l-Artikolu 9 tiegħu biss	(ĠU L 147, tat-30.6.1995, pġ. 51)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1518/95, fejn għandu x'jaqsam l-Arikolu 7 biss	(ĠU L 147, tat-30.6.1995, pġ. 55)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1617/95	(ĠU L 154, tal-5.7.1995, pġ. 5)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1861/95	(ĠU L 177, tat-28.7.1995, pġ. 86)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2147/95	(ĠU L 215, tad-9.9.1995, pġ. 4)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2917/95	(ĠU L 305, tad-19.12.1995, pġ. 53)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 285/96	(ĠU L 37, tal-15.2.1996, pġ. 18)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1029/96	(ĠU L 137, tat-8.6.1996, pġ. 1)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1527/96	(ĠU L 190, tal-31.7.1996, pġ. 23)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 932/97	(ĠU L 135, tas-27.5.1997, pġ. 2)
Regolament tal-Kummissjoni (EC) Nru 444/98 (emendat mir-Regolament (KE) Nru 2067/2002, ĠU L 318, tat-22.11.2002, p. 6)	(ĠU L 56, tas-26.2.1998, pġ. 12)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1432/1999	(ĠU L 166, ta' l-1.7.1999, pġ. 56)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2110/2000	(ĠU L 250, tal-5.10.2000, pġ. 23)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 409/2001	(ĠU L 60, ta' l-1.3.2001, pġ. 27)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2298/2001, f'dak li għandu x'jaqsam mar-referenza magħmula fl-Artikolu 5 tiegħu għall-Artikolu 11a tar-Regolament (KE) Nru 1162/95	(ĠU L 308, tas-27.11.2001, pġ. 16)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 904/2002	(ĠU L 142, tal-31.5.2002, pġ. 25)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1006/2002	(ĠU L 153, tat-13.6.2002, pġ. 5)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1322/2002	(ĠU L 194, tat-23.7.2002, pġ. 22)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2305/2002	(ĠU L 348, tal-21.12.2002, pġ. 92)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 498/2003	(ĠU L 74, ta' l-20.3.2003, pġ. 15)

▼B

ANNESS VI

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 1162/95	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1, l-ewwel u t-tieni inċiż	L-Artikolu 1(a) u (b)
L-Artikolu 2	L-Artikolu 2
L-Artikolu 3	L-Artikolu 3
L-Artikolu 4(1)	L-Artikolu 4(1)
L-Artikolu 4(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' inċiż	L-Artikolu 4(2)(a) sa (d)
L-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu	L-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu
L-Artikolu 5	L-Artikolu 5
L-Artikolu 6	L-Artikolu 6
L-Artikolu 7(1)	L-Artikolu 7(1)
L-Artikolu 7(1a)	L-Artikolu 7(2)
L-Artikolu 7(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel, it-tieni u t-tielet, inċiż	L-Artikolu 7(3)(a) sa (c)
L-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu	L-Artikolu 7(3), it-tieni subparagrafu
L-Artikolu 7(2a)	L-Artikolu 7(4)
L-Artikolu 7(3)	L-Artikolu 8(1)
L-Artikolu 7(3a)	L-Artikolu 8(2)
L-Artikolu 7(4)	L-Artikolu 8(3)
L-Artikolu 7a(1) u (2)	L-Artikolu 9(1) u (2)
L-Artikolu 7a(3), punti (a) sa (f)	L-Artikolu 9(3)(a) sa (f)
L-Artikolu 7a(3), punt(g)	L-Artikolu 9(3), it-tieni subparagrafu
L-Artikolu 7a(4) sa (6)	L-Artikolu 9(4) sa (6)
L-Artikolu 8	L-Artikolu 10
L-Artikolu 9(1)	L-Artikolu 11(1)
L-Artikolu 9(2) l-ewwel subparagrafu	L-Artikolu 11(2) l-ewwel subparagrafu
L-Artikolu 9(2) it-tieni subparagrafu, l-ewwel u t-tieni inċiż	L-Artikolu 11(2) it-tieni subparagrafu, punti (a) u (b)
L-Artikolu 9(2) it-tielet subparagrafu	L-Artikolu 11(2) it-tielet subparagrafu
L-Artikolu 9(3) sa (8)	L-Artikolu 11(3) sa (8)
L-Artikolu 10, punt (a), l-ewwel, it-tieni u t-tielet inċiż	L-Artikolu 12(a)(i) sa(iii)
L-Artikolu 10, punt (b), l-ewwel u t-tieni inċiż	L-Artikolu 12(b)(i) u (ii)
L-Artikolu 10, punti (ċ) u (d)	L-Artikolu 12, punti (c) u (d)
L-Artikolu 11	L-Artikolu 13
L-Artikolu 12(1)	L-Artikolu 14(1)

▼B

Ir-Regolament (KE) Nru 1162/95	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 12(1a)	L-Artikolu 14(2)
L-Artikolu 12(2)	L-Artikolu 14(3)
L-Artikolu 12(2a) l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' inċiż	L-Artikolu 14(4)(a) sa (d)
L-Artikolu 12(3)	L-Artikolu 15(1)
L-Artikolu 12(4)	L-Artikolu 15(2)
L-Artikolu 12(4a)	L-Artikolu 15(3)
L-Artikolu 12(5) l-ewwel subparagrafu	L-Artikolu 15(4) l-ewwel subparagrafu
L-Artikolu 12(5) it-tieni subparagrafu, punt (a), l-ewwel sub-punt	L-Artikolu 15(4) it-tieni subparagrafu, punt(a)
L-Artikolu 12(5) it-tieni subparagrafu, punt (a),	—
L-Artikolu 12(5) it-tieni subparagrafu, punt (b)	L-Artikolu 15(4) it-tieni subparagrafu, punt (b)
L-Artikolu 12(5), it-tielet, ir-raba' u l-ħames subparagrafi	L-Artikolu 15(4), it-tielet, ir-raba' u l-ħames subparagrafi
L-Artikolu 13(1), punt (a), l-ewwel subparagrafu, punt (i), l-ewwel inċiż	L-Artikolu 16(1) l-ewwel subparagrafu, punt (a)(i)
L-Artikolu 13(1) punt (a), l-ewwel subparagrafu, punt (i), it-tieni inċiż	L-Artikolu 16(1) l-ewwel subparagrafu, punt (a)(ii)
L-Artikolu 13(1) punt (a), l-ewwel subparagrafu, punt (ii)	L-Artikolu 16(1) l-ewwel subparagrafu, punt (a)(iii)
L-Artikolu 13(1) punt(b)	L-Artikolu 16(1), l-ewwel subparagrafu, pun t (b)
L-Artikolu 13(1) punt (ċ)	L-Artikolu 16(1),l-ewwel subparagrafu, punt (c)
L-Artikolu 13(1) punt (a), it-tieni subparagrafu, l-ewwel u it-tieni inċiż	L-Artikolu 16(1), it-tieni subparagrafu, punti (a) u (b)
L-Artikolu 13(2)	L-Artikolu 16(2)
—	L-Artikolu 17
L-Artikolu 14	—
L-Artikolu 15	L-Artikolu 18
L-Anness I, II, III u IV	L-Anness I, II, III u IV
—	L-Anness V
—	L-Anness VI

▼M7

ANNESS VII

Annotazzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 (1)

— *bil-Bulgaru*: Оферирaн размер на основното възстановяване при износ

— *bl-Ispanjol*: Tipo de la restitución de base a la exportación adjudicado

— *biċ-Ċek*: Nabídková výše pro základní vývozní náhradu

— *bid-Daniż*: Tilslagssats for basiseksportrestitutionen

— *bil-Ġermaniż*: Zugeschlagener Satz der Grundausfuhrerstattung

— *bl-Estonjan*: Pakkumiskutsega kinnitatud eksporditoetus

— *bil-Grieg*: Ποσοστό της κατακυρωθείσας επιστροφής βάσεως κατά την εξαγωγή

— *bl-Ingliż*: Tendered rate of basic export refund

— *bil-Franċiż*: Taux de la restitution de base à l'exportation adjugé

▼M11

— *bil-Kroat*: Iznos osnovne izvozne subvencije utvrđen natječajem

▼M7

— *bit-Taljan*: Tasso della restituzione di base all'esportazione aggiudicato

— *bil-Latvjan*: Pamata izvešanas kompensācijas likme

— *bil-Litwan*: Pagrindinės eksporto grąžinamosios išmokos dydis

— *bl-Ungeriż*: Az alap export-visszatérítés megítélt hányada

— *bil-Malti*: Rata aġġudikata ta' rifużjoni bażika fuq l-esportazzjoni

— *bl-Olandiż*: Gegunde basisrestitutie bij uitvoer

— *bil-Pollakk*: Przyznana stawka podstawowej refundacji wywozowej

— *bil-Portugiż*: Taxa de restituição de base à exportação adjudicada

— *bir-Rumen*: Rată de restituire de bază la exportul adjudecat

— *bis-Slovakk*: Základná sadzba vývoznej náhrady ustanovená v rámci výberového konania

— *bis-Sloven*: Dodatna stopnja dajatve na osnovi izvoznih nadomestil

— *bil-Finlandiż*: Tarjouskilpailutetun perusvientituen määrä

— *bl-Iżvediż*: Anbudssats för exportbidrag

▼M7

ANNESS VIII

Annotazzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 (2)

— *bil-Bulgaru*: Rată de restituire de bază la exportul adjudecat

— *bl-Ispanjol*: Tipo del gravamen a la exportación adjudicado

— *biċ-Ċek*: Nabídková výše vývozního cla

— *bid-Daniż*: Tilslagssats for eksportafgiften

— *bil-Ġermaniż*: Zugeschlagener Satz der Ausfuhrabgabe

— *bl-Estonjan*: Pakkumiskutsega kinnitatud ekspordimaks

— *bil-Grieg*: Ύψος φόρου κατά την εξαγωγή

— *bl-Ingliż*: Tendered rate of export tax

— *bil-Franċiż*: Taux de la taxe à l'exportation adjugé

▼M11

— *bil-Kroat*: Iznos izvozne pristojbe utvrđen natječajem

▼M7

— *bit-Taljan*: Aliquota della tassa all'esportazione aggiudicata

— *bil-Latvjan*: Izvešanas muitas nodevas likme

— *bil-Litwan*: Eksporto muito mokesčio dydis

— *bl-Ungeriż*: Az exportadó megítélt mértéke

— *bil-Malti*: Rata aġġudikata ta' taxxa fuq l-esportazzjoni

— *bl-Olandiż*: Gegunde belasting bij uitvoer

— *bil-Pollakk*: Przyznana stawka podatku eksportowego

— *bil-Portugiż*: Taxa de exportação adjudicada

— *bir-Rumen*: Rată de restituire de bază la exportul adjudecat

— *bis-Slovakk*: Vývozný poplatok ustanovený v rámci výberového konania

— *bis-Sloven*: Dodatna stopnja dajatve za izvozno pristojbino

— *bil-Finlandiż*: Tarjouskilpailutetusta viennistä kannettavan maksun määrä

— *bl-Iżvediż*: Anbudssats för exportavgift

▼M7

ANNESS IX

Annotazzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5

— *bil-Bulgaru*: Не се прилага износна такса

— *bl-Ispanjol*: Gravamen a la exportación no aplicable

— *biċ-Ċek*: Vývozní clo se nepoužije

— *bid-Daniż*: Eksportafgift ikke anvendelig

— *bil-Ġermaniż*: Ausfuhrabgabe nicht anwendbar

— *bl-Estonjan*: Ekspordimaksu ei kohaldata

— *bil-Grieg*: Μη εφαρμοζόμενος φόρος κατά την εξαγωγή

— *bl-Ingliż*: Export tax not applicable

— *bil-Franċiż*: Taxe à l'exportation non applicable

▼M11

— *bil-Kroat*: Izvozna pristojba se ne primjenjuje

▼M7

— *bit-Taljan*: Exportadó nem alkalmazandó

— *bil-Latvjan*: Tassa all'esportazione non applicabile

— *bil-Litwan*: Eksporto muitas netaikytinas

— *bl-Ungeriż*: Izvešanas muita netiek piemērota

— *bil-Malti*: Taxxa fuq l-esportazzjoni mhux applikabbli

— *bl-Olandiż*: Uitvoerbelasting niet van toepassing

— *bil-Pollakk*: Podatku eksportowego nie stosuje się

— *bil-Portugiż*: Taxa de exportação não aplicável

— *bir-Rumen*: Taxă la export neaplicabilă

— *bis-Slovakk*: Vývozný poplatok sa neuplatňuje

— *bis-Sloven*: Izvozni davek ni sprejemljiv

— *bil-Finlandiż*: Vientimaksua ei sovelleta

— *bl-Iżvediż*: Exportavgift icke tillämplig.

▼M8

ANNESS X

L-annotazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 6(5)

— *bil-Bulgaru:* специален срок на валидност, както е предвидено в член 6 от Регламент (ЕО) № 1342/2003

— *bl-Ispanjol:* período especial de validez conforme a lo dispuesto en el artículo 6 del Reglamento (CE) nº 1342/2003

— *biċ-Ċek:* zvláštní doba platnosti stanovená v článku 6 nařízení (ES) č. 1342/2003

— *bid-Daniż:* Særlig gyldighedsperiode, jf. artikel 6 i forordning (EF) nr. 1342/2003.

— *bil-Ġermaniż:* besondere Gültigkeitsdauer gemäß Artikel 6 der Verordnung (EG) Nr. 1342/2003

— *bl-Estonjan:* erikehtivusaeg ajavahemik vastavalt määruse (EÜ) nr 1342/2003 artiklile 6

— *bil-Grieg:* Ειδική περίοδος ισχύος όπως προβλέπεται στο άρθρο 6 του κανονισμού (ΕΚ) αριθ. 1342/2003

— *bl-Ingliż:* special period of validity as provided for in Article 6 of Regulation (EC) No 1342/2003

— *bil-Franċiż:* durées particulières de validité prévues à l'article 6 du règlement (CE) nº 1342/2003

▼M11

— *bil-Kroat:* posebni rok valjanosti utvrđen člankom 6. Uredba (EZ) br. 1342/2003

▼M8

— *bit-Taljan:* periodo di validità particolare di cui all'articolo 6 del regolamento (CE) n. 1342/2003

— *bil-Latvjan:* Regulas (EK) Nr. 1342/2003 6. pantā paredzētais īpašais derīguma termiņš

— *bil-Litwan:* specialus galiojimo terminas, kaip nustatyta Reglamento (EB) Nr. 1342/2003 6 straipsnyje

— *bl-Ungeriż:* az 1342/2003/EK rendelet 6. cikke szerinti speciális érvényességi idő

— *bil-Malti:* perjodu ta' validità speċjali kif ipprovdut fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1342/2003

— *bl-Olandiż:* Bijzondere geldigheidsduur als bedoeld in artikel 6 van Verordening (EG) nr. 1342/2003

— *bil-Pollakk:* szczególny okres ważności przewidziany w art. 6 rozporządzenia (WE) nr 1342/2003

— *bil-Portugiż:* período de eficácia especial conforme previsto no artigo 6.º do Regulamento (CE) n.º 1342/2003

— *bir-Rumen:* perioadă de valabilitate specială, în conformitate cu articolul 6 din Regulamentul (CE) nr. 1342/2003

— *bis-Slovakk:* osobitné obdobie platnosti podľa ustanovenia článku 6 nariadenia (ES) č. 1342/2003

— *bis-Sloven:* posebno obdobje veljavnosti, kot je določeno v členu 6 Uredbe (ES) št. 1342/2003

— *bil-Finlandiż:* Asetuksen (EY) N:o 1342/2003 6 artiklan mukainen erityinen voimassaolo aika

▼**M8**

— *bl-Iżvediż:* särskild giltighetstid enligt artikel 6 i förordning (EG) nr 1342/2003

———————